**Laqgha Numru 11/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Il-Hdax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 28 ta' April 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-20 ta' April 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K6/2010.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2010.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2010.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2010.**

**12. Rizoluzzjoni specjali 02/2010 – Hinijiet tal-librerija.**

**13. Rizoluzzjoni specjali 03/2010 – Uzu ta' facilitajiet sanitarji.**

**14. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**15. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 08/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 08/K6/2010 item 12.09** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li fil-jiem li gejjien kien ser izur il-post (Gnien 4 ta' Lulju) sabiex jara x'jista' jsir u kien stieden lill-Kunsilliera sabiex jekk jixtiequ jkunu prezenti mieghu, il-kelliem qal li wara li zar il-post flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat, huma ta' l-opinjoni li ahjar jitnehhew il-filati li huma l-fuq mill-livell ta' l-art biex ma jkunx hemm cans li jinqalghu u ghalhekk jigi bhal ma hemm fil-Gnien Madre Teresa Ta' Kalkutta u ghalhekk ippropona li dan isir. Il-kelliem qal li x-xoghol ghandu jsir jekk jippermettu l-fondi.

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issuggerit li jsiru CCTV cameras ghas-supervizjoni.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ghandu jigi kkunsidrat jekk ikun hemm fondi.

2.06. B'riferenza ghall-**Minuti 08/K6/2010 item 12.16** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jinzebghu l-bankijiet li hemm quddiem il-Gnien il-Paci fi Triq Patri Indri Vella, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol kien sar mill-haddiem ta' l-ETC.

2.07. B'riferenza ghall-**Minuti 08/K6/2010 item 12.26** fejn il-Kunsillier Joe Brincat u s-Sindku Joe Zammit kienu qalu li ser imorru ghand l-AFM sabiex jaraw meta ser isiru l-konok sabiex jinzerghu s-sigar li ser jigu provduta mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, il-Kunsillier Joe Brincat qal li kien tkellem mal-BSM li kien se jiehu hsieb il-programm ta' tahrig tal-Heavy Plant Operators li kienu ser jaghmlu t-toqob imma jidher li dan il-programm gie pospost indefinit. Ghaldaqstant biex ma jintilfux is-sigar imweghda lill-Kunsill il-kelliem ippropona biex isiru t-toqob bil-berrina. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill ghandu jara l-possibilitajiet ohra ta' stima bhal per ezempju jekk tinkera l-berrina u l-kuntrattur Shawn Farrugia jistax jaghmel dawn it-toqob u jithallas tax-xoghol jew jekk il-Kunsill jafx b'xi kuntrattur iehor biex jissottometti stima ghal dawn it-toqob.

2.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jsir komunikat ukoll mal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura dwar il-possibilita' li tinkera l-berrina minghand il-Ministeru. Il-kelliem wara komunikat li kellu ma' l-istess Ministeru, gie miftiehem li dawn is-sigar jinzerghu f'Ottubru sabiex ma jinghatawx kedda bil-qilla tas-Sajf.

2.11. B'riferenza ghall-**Minuti 08/K6/2010 item 12.27** fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien talab li terga' tehel it-tabella tar-Residential Parking Scheme fi Triq il-President Anton Buttigieg, il-Kunsillier Joe Brincat informa lill-Kunsill li din it-tabella l'inqalet minn postha ser terga' tehel fil-jiem li gejjien meta se jkun hawn il-Kuntrattur iwahhal it-tabelli.

2.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din fil-fatt twahhlet fil-jiem li ghaddew.

2.13. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 2.01**, ghall-Minuti 03/K6/2010 item 2.01, ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.04, ghall-Minuti 01/K6/2010 item 2.03, ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.26 u ghall-korrispondenza numru 46/6695/09/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mas-sur Johann Bellizzi fil-prezenza

tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u ghalhekk kien ippropona l'issir spezzjoni tas-sit sabiex jigi dentifikat x'hemm bzonn isir, jekk hemm bzonn tingabar stima minghand il-kuntrattur tal-Kunsill u wara jkun il-Kunsill li jiddeciedi jekk issirx in-nefqa jew le, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zjara fuq il-post kien ghadu ma ghamiliex ghax ser issir issa l'irritorna l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minn btala fit-tul, il-kelliem qal li kien sar komunikat bit-telefon fil-prezenza tal-Vici Sindku u tkellmu ma' dan is-sinjur fejn gie mitlub biex it-talbiet/proposti tieghu jibghathom lill-Kunsill permezz ta' e-mail halli jkunu diskussi fil-laqgha tal-Kunsill.

2.14. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 2.02**, ghall-Minuti 03/K6/2010 item 2.02, ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.06, ghall-Minuti 01/K6/2010 item 2.28 u ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jsiru numru t'attivitajiet socjali u kulturali ghas-sena li gejja u qalet li ladarba jigi ffinalizzat il-kalendarju t'attivitajiet kienet ser tibghat lista dettaljata lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, liema kalendarju s'issa ghadu ma giex ipprezentat, is-Sindku Joe Zammit qal l'issa li hawn il-Vici Sindku li huwa responsabbli minn attivitajiet sportivi u zghazagh qed jitlob biex jekk sar xi kalendarju ta' attivitajiet mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, dan ghandu jigi mghoddi lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex jevalwah u jara liema programm/attivita' issir.

2.15. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 2.05**, ghall-Minuti 03/K6/2010 item 8.83 u ghall-korrispondenza numru 46/0956/10/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab li tingabar kwotazzjoni ghall-bnadar li jkunu printed minflok irrakmati, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-ewwel opportunita' ta' avviz li ser ikun hemm fil-gurnali ser jintalbu l-kwotazzjonijiet necessarja.

2.16. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 10.13**, ghall-korrispondenza numru 46/1206/10/I fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandhom jaraw x'jista' jsir taht dan il-programm b'tahlita t'attivitajiet edukattivi u sportivi (Youth in Action), is-Sindku Joe Zammit qal l'issa li hawn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli miz-zghazagh u sports u peress li ma kien hemm ebda tip ta' konkluzjoni jew laqghat f'dan is-sens, il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mal-MEUSAC biex minn issa, ghas-sena d-diehla naraw xi programm jista' jsir taht Youth in Action u b'hekk ikun hemm zmien bizzejjed biex ninfurmaw lill-gemellati taghna.

2.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li l-ewwel il-Kunsill irid jelenka x'jixtieq u wara jitfittex il-programm relatat ta' l-EU.

2.18. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 10.71** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li jekk hemm bzonn tinhareg cirkulari ghar-residenti biex jigu nfurmata li dan ma jistax isir u ghalhekk ippropona li jsir rapport bir-ritratti ta' l-istat tal-bankini kollha li hawn fil-lokal u jibda l-process tal-bdil tal-bankini skond il-fondi disponibbli li ghandu l-Kunsill, il-kelliem qal li fil-jiem li gejjien ser ikun qed idur ma' min irid biex jittiehdu ritratti tal-bankini specjalment fejn huma mkissra u ta' periklu.

2.19. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 10.138** fejn b'riferenza ghall-korrispondenza numru 46/1647/10/I is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli miz-zghazagh u l-isports flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li hija responsabbli mill-edukazzjoni biex jekk jixtiequ flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg johorgu bi programm u ssir applikazzjoni ghal xi progett ta' l-EU, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li meta jkun il-waqt li johrog xi programm taht dan l-ambitu allura ser ikun

qed jiehu hsieb flimkien mas-Sindku Joe Zammit biex issir laqgha halli flimkien jaraw x'jista' jsir.

2.20. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 10.146** fejn b'riferenza ghall-korrispondenza numru 46/1676/10/I is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jmur fuq il-post (White Rocks Complex) halli jindika l-blokka necessarja halli jkun jista' jsir ir-rapport kif mitlub, is-Sindku Joe Zammit qal li wara diskursata fuq dan il-punt mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jidher li jkun ahjar jekk il-Gvern, li ghogbitu l-idea tal-Kunsill, inizzel fil-kuntratt ta' appalt/bejgh lil terzi persuni taz-zona tal-White Rocks biex fl-izvilupp jibni binja biex isservi ta' Hostel kif propost mill-Kunsill. Il-kelliem qal li ma jarax kif jista' jew kemm jaghmel sens li l-Kunsill ta' Pembroke jindika blokka biex din tithalla kif tkun fil-qalba ta' xi mega zvilupp propost ghal din iz-zona. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-Onor. Dr. Chris Said biex nispjegawlu x'inhu l-hsieb ta' dan il-progett.

2.21. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.23. B'riferenza ghall-**Minuti 06/K6/2010 item 15.01** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li saret talba li tigi mwahhla mera wara Blokk 3 in-naha tal-btiehi fi Trejqet Patri Pelagju Mifsud minhabba periklu tat-traffiku u fejn il-Kunsillier Joe Brincat kellu jivverifika u jirraporta lill-Kunsill, il-Kunsillier Joe Brincat qal li wara osservazzjonijiet li ghamel qed jipproponi li titwahhal mera tat-traffiku.

2.24. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.26. B'riferenza ghall-**Minuti 03/K6/2010 item 2.06** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet infurmat lill-Kunsill li qed tahdem fuq dan il-grupp/kumitat tan-nisa li jilghabu t-tennis, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab ghal aktar informazzjoni rigward it-twaqqif ta' dan il-grupp jekk kien hemm xi zvilupp fuqu, li ghalkemm huwa femminili xorta jaqa' taht id-dikasteru tieghu.

2.27. B'riferenza ghall-**Minuti 01/K6/2010 item 6.40** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li qabel is-Sajf ghandu jsir it-tindif tar-ranges fejn kienu jinzammu l-klieb, is-Sindku Joe Zammit ippropona biex tinkiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet li huwa sid l-art biex titnaddaf iz-zona ghax il-Kunsill ghamel snin jinforma lid-Dipartiment li kien hemm squatter fil-post u jekk hemm bzonn igieghel lil min kien hemm biex inaddaf.

2.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jikkunsidra li l-Arlogg ta' Pembroke jinghadda lill-Kunsill bhal ma sar fil-kaz tal-Kunsill Lokali Mtarfa.

2.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2010.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 09/K6/2010 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2010.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 34/2010** b'rapport tal-laqghat li saru ma' l-Ing. A. Busuttil u mal-kumpanija Econing **(Ara dokument A); Internal Memo 35/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mad-Dipartiment ghall-Libreriji Pubblici **(Ara dokument B); Internal Memo 36/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mal-kumpanija Future Focus **(Ara dokument C); Internal Memo 37/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Awtorita' tad-Djar **(Ara dokument D); Internal Memo 38/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Dr. Chris Said fil-prezenza tal-kumitat ta' Pembroke Athleta **(Ara dokument E); Internal Memo 39/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 09/K6/2010 u 11/K6/2010 **(Ara dokument F); Internal Memo 40/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 09/K6/2010 u 11/K6/2010 **(Ara dokument G); Internal Memo 41/2010** b'rapport tat-tenders 02/2010 – Collection of Mixed Household Waste **(Ara dokument H),** Flyer dwar l-attivita' li ser issir bhala zjara fil-fabbrika tal-Golden Harvest **(Ara dokument I)** u Flyer dwar Korsijiet Lifelong Learning. **(Ara dokument J)**

5.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memo 41/2010 fejn qal li l-offerti kienu nfethu u ser jigu diskussa f'laqgha apposta.

5.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li waqt li jkunu qed jigu diskussa l-offerti ghall-gbir ta' l-iskart, il-Kunsill ghandu jitlob il-prezenza ta' l-Avukat halli jekk ikun hemm xi mistoqsijiet ikunu jistghu jigu mwiegba.

5.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

5.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit ghan-nom tal-Kunsill wera l-apprezzament tieghu lejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg tax-xoghol li ghamel b'konnessjoni l-Konferenza tal-ECAD li sfortunatament ma saritx minhabba l-izbroff tal-vulkan. Il-kelliem qal li ghalkemm is-Segretarju Ezekuttiv ghamel hafna hin dedikat fuq din il-konferenza xorta ghamel l-almu tieghu u ta' l-istaff biex tkompla x-xoghol tal-Kunsill. Il-kelliem fakkar li din il-konferenza saret wara azzjoni mehuda 5 snin ilu fil-laqgha gewwa Cipru minnhu u mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliem qal li grazzi tmur ukoll lill-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said li mill-ewwel laqa' t-talba tal-Kunsill ta'

Pembroke biex jospita f'isem il-Kunsill din il-Konferenza. Il-kelliem qal li matul dawn il-jiem kemm huwa, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg flimkien mas-sur Johann Attard mill-OPM hadu hsieb lid-disa' delegati li lahqu gew Malta sabiex jinghataw l-attenzjoni kollha. Il-kelliem qal l'issa l-konferenza ser issir bejn it-23 u l-25 ta' Settembru 2010.

6.03. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ta' l-organizzazzjoni u tal-harga li saret ghall-wiri tal-vari tal-Gimgha l-Kbira.

6.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien attenda minfloku ghall-prezentazzjoni u ghotja ta' flus ghal xiri ta' kotba ghall-librerija tal-Kunsill.

6.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien akkumpanja lil tal-bowser biex saret l-ewwel tisqija wara li kien ikkomunika mal-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem qal li t-tisqija saret permezz ta' tlett tankijiet kbar minhabba li kif kien suppost li gie filghodu, kellu hsara fit-trakk u ghamel vjaggi b'tankijiet izghar.

6.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li s'issa l-kuntrattur ghadu qatt ma gie l-Kunsill, kif suppost li kellu jaghmel, sabiex jinforma lill-Kunsill li jkun gie u jkun ser isaqqi halli tkun tista' ssir il-verifika necessarja.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-30 ta' Marzu u t-28 ta' April 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2110/10/I** 24/03/2010 E-mail minghand l-Inginier Ronald Pace mill-WSC fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghat il-Kunsill dwar reinstatement ta' Triq Pietru D'Armenia baghat kopja ta' l-email li l-Perit Charmaine Cutajar baghtet lill-kuntrattur tal-Blokrete sabiex isir ix-xoghol necessarju fil-jiem li gejjien.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2110/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb ittra ohra fejn il-Kunsill jipprotesta bil-qawwa kollha ghal dan l-attegjament fil-konfront tal-Kunsill wara hafna kliem u weghdi. Il-kelliem qal li t-triq ghada ma sewwietx kif ukoll ix-xoghol f'San Patrizju ghadu pendent. Il-kelliem ippropona ukoll li jekk ma jkun hemm l-ebda azzjoni konkreta minnaha tal WSC, il-Kunsill jirriserva id-dritt li jiehu passi anke legali biex ihares l-interessi tieghu u tar-resident.

8.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-Kunsill kien diga wissa lill-WSC b'dan.

8.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

8.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2121/10/I** 24/03/2010 E-mail minghand is-Sur Johann Attard mis-Segretarjat ta' Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-konferenza ta' l-ECAD informa l-Kunsill li l-partners

tal-partecipanti jistghu jattendu ghall-funzjonijiet ta' filghaxija u talab sabiex incemplu lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex sabiex ikollhom cifra ta' kemm ser jonfqu.

8.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2121/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2137/10/I** 2/03/2010 Ittra minghand il-MEPA fejn taw permess lill-Kunsill sabiex jinzabru s-sigar tac-cipress li hemm fi Triq Mandalay.

8.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2137/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur Shawn Farrugia sabiex jaghmel ix-xoghol li hemm bzonn inkluz il-kiri ta' high-up.

8.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2155/10/I** 25/03/2010 E-mail minghand Alternative Technologies fejn skuza ruhu mal-Kunsill talli ma giex jiffirma l-kuntratt dwar Tender 07/2009 u se jipprova jigi llum u nforma l-Kunsill ukoll li l-invertors bhalissa m'humiex disponibbli.

**46/2181/10/I** 26/03/2010 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email ta' l-Alternative Technologies fejn informaw lill-Kunsill li bhalissa m'hawnx in stock l-invertor li kwotaw ghalih, talab biex ninfurmawh jipprovdi invertor iehor sakemm jasal dak skond il-kuntratt u tinzamlu somma flus bhala retained fund u talab il-kummenti tal-Kunsilliera.

**46/2541/10/I** 14/04/2010 Ittra minghand Alternative Technologies fejn b'riferenza ghat-tender 07/2009 dwar il-Photovoltaic talab estenzjoni tal-kuntratt minhabba li l-invertor li ghandu bzonn il-Kunsill m'ghandhomx u baghat kopja ta' l-ittra li rcievew minn barra minghand SMA Solar Technology.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2155/10/I, 46/2181/10/I u 46/2541/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li t-tip ta' invertor imsemmi fil-kuntratt qieghed out of stock mis-suppliers, il-kuntrattur ghandu jigi nfurmat biex temporanjament ghandu jissupplixxi u jinstalla invertor simili sakemm jaslu dawk indikati fit-tender document kif ukoll li tinzamm il-parti tal-flus tat-tender ekwivalenti ghall-prezz ta' l-invertor sakemm jaslu dawn propja.

8.12. Wara diskussjoni li kien hemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-proposta tas-Sindku Joe Zammit ghandha tigi attwata wara li l-Kunsill jitlob il-parir ta' l-avukat dwar jekk kemm il-darba l-Kunsill jaccetta din it-talba tal-kuntrattur li temporanjament jipprovdi apparat alternattiv, l-Kunsill ikunx qed jiddiskrimina ma' kuntratturi ohra jew le.

8.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2157/10/I** 25/03/2010 E-mail minghand Ms. Stephanie Cassar li hija membru minn Organisation for Friendship in Diversity fejn talbet il-permess tal-Kunsill biex tuza l-Ex Parade Ground nhar il-Hadd 2 ta' Mejju bejn is-1.00pm u s-7.00pm biex jorganizzaw 'Photo Hunt'.

8.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2157/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe

Brincat, il-permess mitlub kien inghata u ghalhekk ippropona li d-decizjoni tigi ratifikata fil-laqgha.

8.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kif jinhareg permess meta ma kienx hemm decizjoni tal-Kunsill.

8.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li huwa ma kienx hareg dan il-permess.

8.19. Hawn qam battibekk fejn saru diversi kummenti kemm mis-Sindku Joe Zammit kif ukoll mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

8.20. Is-Sindku Joe Zammit qal li il-prassi f'dan il-Kunsill kienet li jekk ikun hemm maggoranza ta' Kunsillieri li jaqblu ma xi haga din tkun aprovata u ratifikata fil-laqgha li jkun imiss tal-Kunsill kif fil-fatt sar diversi drabi u zied li ma jarax ghalfejn qed iqumu dawn il-battibekki. Il-kelliem qal li l-unika kumment li jista' jinghad mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien biss li l-iskrivana tal-Kunsill m'infurmawiex li kien hemm 3 membri tal-Kunsill li kienu taw l-approvazzjoni taghhom ghal din it-talba ta' dan il-permess.

8.21. Meta mistoqsi, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa ma kien hareg ebda permess bil-miktub minhabba li kien gie infurmat li Ms. Cassar kienet ghamlet kuntatt mas-Sindku Joe Zammit u dan kien diga nfurmha li l-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghat-talba taghha u ghalhekk kellha l-permess necessarju tal-Kunsill

8.22. Is-Sindku Joe Zammit qal kien tkellem ma' Ms Cassar wara li kellu 3 firem li ma hemmx oggezzjoni ghal din it-talba.

8.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija ma kienetx taqbel li jinghata permess minhabba li ser ikun hemm inkonvenjent ghar-residenti.

8.24. Is-Sindku Joe Zammit rega' gibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li din mhiex attivita' fuq il-post izda li ser juzaw il-post ghall-meeting point u point of departure kif hemm propju miktub fl-email taghhom.

8.25. Wara aktar diskussjoni l-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw kontra.

8.26. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li decizjonijiet mehuda mhux dejjem jitnizzlu fil-Minuti.

8.28. Fid-dawl ta' din l-insinwazzjoni s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat sabiex telenka liema decizjonijiet ittiehdu, meta ttiehdu, minn ippropona u minn issekonda dawn id-decizjonijiet / proposti. Il-kelliem talab li jekk din l-informazzjoni ma tkunx provduta din l-insinwazzjoni hija nfondata u ghalhekk ghandha tkun irtirata.

8.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ma tiftakarx kazijiet specifici izda qalet li jista' jaghti l-kaz li tkun saret diskussjoni u ma tkunx ghaddiet ghall-vot.

8.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li jekk ma jkunx hemm proponiment u sekondant, ebda proposta ma tersaq ghall-vot u ghalhekk ma jkunx hemm decizjoni tal-Kunsill izda biss diskussjoni.

8.31. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li decizjonijiet ghandhom jittiehdu fil-Kunsill u mhux barra.

8.32. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li ma stenniex dan minghand il-Kunsillier Lauro Fava. Il-kelliem qal l'illum il-gurnata l-membri tal-Kunsill kollha nircievu l-korrispondenza f'dar taghhom u jkun tajjeb jekk wiehed jikkummenta bhal ma jsir kemm minnu kif ukoll mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u din il-prattika isservi biex titnaqqas burokrazija zejda u l-bzonn li jilaqghu spiss. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien qed jghid dan minhabba li l-Kunsillier Lauro Fava kwazi qatt ma jikkumenta fuq l-emails li jircievi minghand il-Kunsill.

8.33. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li huwa ma giex mitlub jikkummenta u lanqas huwa obbligat jaghmel dan. Il-kelliem qal li wara kollox decizjoni ta' 3 persuni m'hijiex decizjoni tal-Kunsill.

8.34. Is-Sindku Joe Zammit qal li allura jekk ser ikunu daqshekk rigidi fix-xoghol tal-Kunsill, allura ser ikun hemm hafna aktar laqghat tal-Kunsill spissi.

| | |
|---|---|
| **46/2165/10/I**<br>25/03/2010 | E-mail minghand is-sur Natalino Attard fejn informa lill-Kunsill li rcievew talba mill-Kunsill Malti ghall-Arti u l-Kultura dwar spazji li ghandu l-Kunsill li jistghu jintuzaw ghall-attivitajiet kuturali. |

8.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2165/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien diga sar fil-passat kien indika postijiet/spazji li jistghu jintuzaw ghal dawn l-attivitajiet.

| | |
|---|---|
| **46/2171/10/I**<br>25/03/2010 | E-mail minghand is-sur Simon Cutajar fejn baghat risposta ghall-ittra li baghtlu l-Kunsill dwar il-hinijiet tal-ftuh tal-librerija. |
| **46/2235/10/I**<br>29/03/2010 | Kopja ta' l-email li s-sur Simon Cutajar baghat lill-persuni gewwa l-Librerija Pubblika fejn infurmhom li kellmu l-Vici Sindku u talbu biex jestendi ultimatum sa l-ahhar ta' April sabiex tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill u ghalhekk ser ikompli bil-kompjuterizazzjoni tal-librerija. |

8.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2171/10/I u 46/2235/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'dan il-perjodu ndikat kien hemm diskussjoni bejn il-librar u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn dan ta' l-ahhar kien infurmah li l-Kunsill kien se jiltaqa' nhar it-28 ta' April u ghalhekk talbu biex jistenna risposta minghand il-Kunsill wara din id-data. Il-kelliem qal li dan is-suggett ser jigi diskuss aktar il-quddiem fejn qed tigi pprezentata rizoluzzjoni specjali fuq dan l-item.

| | |
|---|---|
| **46/2177/10/I**<br>26/03/2010 | E-mail minghand il-Melita Football Club fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar attivitajiet b'kollaborazzjoni mal-Kunsill staqsa x'tip ta' attivita' taqa' taht il-parametri tal-ligi ghall-Kunsilli Lokali. |

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2177/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dawn il-klabbs ghandhom ikunu nfurmati li jekk jixtiequ l'issir attivita' din trid tkun organizzata mill-Kunsill bis-sehem taghhom. Ghalhekk zied li jekk klabb jahseb f'xi attivita' u jixtieq lill-Kunsill li jaghmilha, il-klabb irid ikun lest li jorganizza din l-attivita' l-Kunsill mal-Klabb u mhux il-Klabb mal-Kunsill.

8.38. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/2178/10/I**<br>26/03/2010 | E-mail minghand Roccalumera fejn talbu biex fil-ftehim li baghtu l-Kunsill inizzel l-irwol tieghu fil-progett 'Youth in Action' kif nizlet fl-email taghha. |

8.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2178/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li jispera li dan il-programm jigi accettat. Il-kelliem qal l'intant bi qbil mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qed jipproponi biex il-Kunsill ifakkar lil Roccalumera li skond l-ahhar tornament tal-futbol li sar f'Malta u skond il-generozita' murija mis-sur Franco Galea dawn kellhom jospitaw ghas-spejjez taghhom inkluz l-ispejjez tal-lukanda, l-istess numru ta' tfal ghall-istess zmien bhal ma sar hawn Malta. Finalment il-kelliem qal li jispera li jekk dan il-progett jirnexxi ikunu lesti johorgu l-istess bhal ma sar maghhom hawn Malta.

8.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/2187/10/I**<br>26/03/2010 | E-mail mill-AKL fejn b'riferenza ghall-permessi lill-WSC informa l-Kunsill li sakemm jibghatu lill-Kunsill l-ftehim il-gdid talbu sabiex jibqa' jinhareg l-permess mehtieg kif kien isir qabel. |

8.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2187/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/2236/10/I**<br>29/03/2010 | E-mail minghand 3a Accountants fejn baghtu l-Kunsill kopja tal-management letter. |

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2236/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera minhabba li kienet ghada kemm giet diskussa ftit tal-hin qabel fil-laqgha precedenti.

| | |
|---|---|
| **46/2240/10/I**<br>29/03/2010 | Kopja ta' l-email li s-Sindku Joe Zammit ircieva minghand il-First Minister ta' Wales fejn informa l-Kunsill li bhalissa ghandu djarju mimli izda fil-futur ikun kuntent li jkun mistieden ghall-attivita' li jorganizza l-Kunsill. |

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2240/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'Jannar ta' din is-sena Rhodri Morgan kien spicca minn First Minister ta' Wales u sar iehor u ntbaghtet ittra ta' awgurju lill-First Minister il-gdid.

| | |
|---|---|
| **46/2280/10/I**<br>30/03/2010 | E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 46/2010 - MEUSAC – rigward kuntratt propost dwar ghajnuna fil-mili tal-applikazzjonijiet ghall-progetti taht il-programmi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea. |

8.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2280/10/I** is-Sindku Joe Zammit stqarr li huwa sewwa li jkun hemm dan il-hlas minhabba li kien hemm bosta Kunsilli li wara hafna sieghat ta' xoghol preparattiv jirtiraw fl-ahhar u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jiffirma l-ftehim propost.

8.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/2310/10/I**<br>01/04/2010 | E-mail mill-iskola St. Catherine's fejn baghtu l-lista ta' kotba ghall-qari. |
| **46/2621/10/I**<br>19/04/2010 | Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li qed jaghti l-ammont ta' €466 f'ghajnuna ghal-libreriji li minnhom hemm €230 f'vouchers minghand Merlin Library u €236 biex jintefqu f'kotba minghand hwienet ta' l-ghazla tal-Kunsill u l-ammont jinghata wara li l-Kunsill jipprezenta l-ircevuti. |

8.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2310/10/I u 46/2621/46/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtraw parti minn dawn il-kotba bil-flus li l-Kunsill inghata dan l-ahhar.

8.50. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li jkun ghaqli li qabel il-Kunsill jiddeciedi liema kotba jinxtraw, issir konsultazzjoni mal-librar.

8.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat inkluz ukoll is-suggeriment tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u qalet li l-ahhar kelma ghandha tkun tal-Kunsill.

8.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2329/10/I** 01/04/2010 E-mail minghand is-Sinjura Carmen Muscat fejn baghtet informazzjoni dwar il-harga ghar-residenti ta' Pembroke gewwa l-Golden Harvest.

8.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2329/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-flyers konnessi u kif deciz fil-laqgha precedenti kienu diga tqassmu.

**46/2338/10/I** 05/04/2010 Ittra minghand l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema fejn talbu laqgha mal-Kunsill bhala koperazzjoni iktar b'sahhita u effettiva fil-komunita'.

8.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2338/10/I** is-Sindku Joe Zammit heggeg lill-Kunsilliera sabiex ikunu prezenti meta ssir din il-laqgha.

**46/2349/10/I** 05/04/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar fondi specjali fl-uzu ta' energija alternattiva nforma l-Kunsill li t-talba giet milqugha.

8.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2349/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din tirreferi ghall-kuntratt moghti lill-kumpanija Alternative Technologies fejn il-Kunsill kien staqsa lid-LGD jekk il-Kunsill setghax jaghti aktar xoghol lill-kuntrattur ga ladarba l-valur ta' l-offerta gie hafna anqas mill-fondi allokati mill-Gvern ghal dan il-ghan. Ghalhekk fid-dawl tar-risposta tad-Direttur il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jonfoq is-somma kollha allokata u ghalhekk jizdiedu l-pannelli fotovoltajici u l-invertors. Il-kelliem qal li din il-proposta hija suggett ghall-parir ta' l-avukat dwar l-invertor.

8.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2356/10/I** 05/04/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 52/2010 rigward Skema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-Korsijiet Lifelong Learning.

8.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2356/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li ser ikun hemm laqgha nhar il-31 ta' Mejju fuq is-suggett.

8.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-iskema.

8.60. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2360/10/I** 05/04/2010 E-mail mill-ETC fejn b'riferenza ghall-iskema xoghol fil-komunita' informaw lill-Kunsill li l-iskema tal-partecipant Christopher Costa giet estiza ghal sitt xhur ohra sat-8 ta' Ottubru 2010.

8.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2360/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2369/10/I** 06/04/2010 — Ittra mingand Rebel Riders Brotherhood fejn infurmaw il-Kunsill rigward c-charity ride li jaghmlu ta' kull sena li din is-sena ser issir nhar il-Hadd 23 ta' Mejju u t-tluq taghha ser ikun mill-Ex Parade Ground ghall-habta ta' l-10.30am u l-gbir minnha ser imur f'gih s-Sur Tony Borg li kien miet f'incident.

8.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2369/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

8.64. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2371/10/I** 06/04/2010 — Ittra minghand is-Sinjura Ruth Gauci fejn talbet lill-Kunsill sabiex isir xi haga dwar il-parkegg illegali fil-komun taht Blokk A9-A11 fi Triq Pietru D'Armenia.

8.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2371/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex din il-materja titressaq ghall-attenzjoni ta' l-Onor. Segretarju Parlamentrai Dr. Chris Said biex forsi issir xi haga fil-ligi rigward harsien f'dawn it-tip ta' postijiet.

8.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2376/10/I** 06/04/2010 — E-mail minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn informaw lill-Kunsill li c-Chairman jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill dwar il-pavimentar ta' Sit B nhar it-Tnejn 12 ta' April 2010 fid-9.00am gewwa l-Awtorita' tad-Djar.

8.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2376/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha saret nhar it-Tnejn 12 ta' April 2010 fejn ghaliha attendew huwa, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-Perit Kevin Fsadni. Il-kelliem qal li rapport tal-laqgha gie prezentat aktar kmieni fil-laqgha.

**46/2381/10/I** 06/04/2010
**46/2382/10/I** 06/04/2010 — E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-hin tal-ftuh tal-Kunsill baghat komunikazzjoni mis-sur James Catania fejn baghat estratt mill-Human Resources Regulations u talab ninformaw lill-Kunsill li jekk jigu maqbula hinijiet differenti dan ikun kontra l-ligi u talab ninfurmawh u fuq l-istess suggett e-mail mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn tablet biex din tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss tat-28 ta'April 2010.

**46/2624/10/I** 19/04/2010 — Kopja ta' ittra li l-GWU baghtu lid-Direttur Natalino Attard dwar il-hinijiet tax-xoghol tas-Sajf ta' l-impjegati tal-Kunsill.

8.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2381/10/I, 46/2382/10/I u 46/2624/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'issa hemm komunikat bejn Union li tirrapprezenta lill-haddiema u d-Dipartiment. Il-kelliem qal l'intant kien informa lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-Kunsill ta' Pembroke kien wasal ghal dan il-pass ghax kien konxju li hawn hafna Kunsilli ohra l'ilhom is-snin ihaddmu lill-haddiema taghhom bil-hinijiet kif approvat mill-Kunsill u ghalhekk mhux ser ikun il-Kunsill Lokali Pembroke li jzomm lill-haddiema tieghu qabel ma tinhareg direttiva generali mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li tinforma lill-Kunsilli kollha b'dan u mhux biss lil Pembroke. Il-kelliem qal li sa fejn jaf ma harget l-ebda memo generali

lill-Kunsilli u qal li jispera li sa qabel Gunju tkun harget ghal kulhadd. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jobdi d-direttiva tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u l-hinijiet kif approvata mill-Kunsiill ghandom jigu rtirata b'effett immedjat.

8.71. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jinghata lista tal-Kunsilli Lokali li wiegbu l-ittra tal-Kunsill fejn gew mistoqsija jissottomettu l-hinijiet taghhom.

8.72. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li l-korrispondenza kollha tinsab fil-file tal-korrispondenza.

8.73. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kollha li wiegbu l'ittra tal-Kunsill kienu San Giljan, Gudja, Nadur, Zebbug, Munxar, San Pawl, Zabbar, Birzebbuga, Marsaxlokk, Qormi, Santa Lucija, Sliema, Attard, Balzan, Mellieha, Zurrieq, Birgu. Il-kelliem qal li kwazi hadd minn dawk li rrispondew ma jimxu mal-paramentri ndikati.

8.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-ligi ghandha tinzamm ghal kulhadd l'istess.

**46/2418/10/I** 08/04/2010 — E-mail minghand Bugeja M. Travel fejn informaw lill-Kunsill b'gurnata Sqallija li l-Kunsill jista' jorganizza ghar-residenti tal-lokal ghall-prezz ta' €85 kif ukoll li ghal kull 50 persuna, l-Kunsill jinghata 2 biljetti kollox imhallas inkluz it-taxxi.

**46/2429/10/I** 08/04/2010 — E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill minghand Bugeja Travel talbet biex il-Kunsill jorganizza gurnata fi Sqallija u tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**46/2442/10/I** 09/04/2010 — E-mail minghand Joe Micallef Travel fejn informaw lill-Kunsill bil-gita ghal Sqallija li jista' jorganizza l-Kunsill ghar-residenti tal-lokal.

8.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2418/10/I,46/2429/10/I u 46/2442/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' Joe Micallef Travel sabiex issir mawra kulturali fi Sqallija fejn kull min jippartecipa ghandu jhallas l-ispejjez tieghu.

8.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2443/10/I** 09/04/2010 — E-mail minghand ir-Regjun tat-Tramuntana fejn informa l-Kunsill li t-tieni laqgha ta' tramuntana ser issir nhar il-Gimgha 16 ta' April 2010 fis-7.30pm gewwa l-ufficcju tar-Regjun tat-Tramuntana f'San Pawl u baghat l-agenda u l-minuti ta' l-ewwel laqgha.

8.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2443/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien attenda ghal din il-laqgha fejn qal li kienu rcievew il-lista tal-persuni l'applikaw f'pool ta' nies li minhom irid jintghazel wiehed ghal Segretarju Ezekuttiv ta' dan ir-regjun gdid skond kif stipulat fil-ligi.

**46/2451/10/I** 09/04/2010 — E-mail minghand is-Sur Joe Debattista mid-Dipartiment tal-Libreriji fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-librerija nforma l-Kunsill bl-ispiza li hemm ghal darba li hija ta' €1,054.92.

8.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2451/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel din l-ispiza sabiex il-librerija tkun kompjuterizzata.

8.80. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2452/10/O** 09/04/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat b'kopja tal-korrispondenza li rcieva l-Kunsill minghand diversi lukandi dwar il-konferenza li tixtieq l'issir f'Malta f'Ottubru li gej.

**46/2640/10/I** 19/04/2010 E-mail minghand il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill informat lill-Kunsill li peress li l-konferenza ser tinzamm lejn l-ahhar tas-sena hemm possibilita' li jigu allokati fondi ghaliha mill-fond tas-sena d-diehla u ssuggerit biex nibghatu d-dettalji kollha.

8.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2452/10/O u 46/2640/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li l-Kunsill ma kienx cert jekk hemmx fondi disponibbli taht dik l-iskema ta' Organizzazzjoni ta' Konferenzi, il-Kunsill kien talab il-parir u l-konferma necessarja.

8.83. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li ssir laqgha bejn il-Kunsilliera sabiex jiddiskutu dan il-punt.

**46/2441/10/I** 09/04/2010 Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li kull azzjoni mehuda nkluz it-tqassim ta' flyer sakemm ma tkunx wahda ta' natura urgenti trid tkun tirrifletti d-decizjoni tal-Kunsill u tkun trid titressaq fil-laqgha li jkun imiss.

**46/2461/10/I** 09/04/2010 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-e-mail li rcieva l-Kunsill minghand id-Direttur Natalino Attard dwar awtorizzazzjoni ta' tqassim ta' materjal informattiv talbet sabiex tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

8.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2441/10/I u 46/2461/10/I** is-Sindku Joe Zammit fakkar li s-sentenza tal-Qorti kienet waslet ghand il-Kunsill il-Hamis u skond kif kien ippjanat mill-Kunsill l-ahhar jum tal-gbir kellu jkun il-Hadd. Il-kelliem qal li t-Tnejn kellu jibda l-kuntrattur il-gdid u ghalhekk flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier tal-Ambjent Joe Brincat inhasset il-htiega li r-residenti ikunu nfurmati li kien ser ikun hemm tnaqqis ta' skips on wheels u ghalhekk gew stampati s-Sibt filghodu minhabba l-emergenza tas-suggett. Il-kelliem qal li l-leaflet tqassam lir-residenti li kienu se jsibu ruhhom minghajr skips u lir-residenti kollha tal-lokal immedjatament. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova dak li sar.

8.85. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.86. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

8.87. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.88. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li s-Sindku Joe Zammit ma kellux gazz jirrispondi lill-Onor. Dr. Chris Said bhala dicenza u qalet li kienet tippretendi li s-Sindku Joe Zammit kellu jinforma lir-residenti li huwa kien iffirma l-kuntratt ta' l-iskart wara li l-Kunsill kien ircieva komunikat li dan il-kuntratt ma kellux jigi ffirmat kif fil-fatt ma giex iffirmat mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.89. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma hassx li kellu jirrispondi l-ittra ta' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu appell quddiem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghax il-lokal mhux stmat daqs Kunsilli ohra ta' l-

istess daqs u izghar fejn jidhol allokazzjoni mil-Gvern ghall dan is-servizz, xi haga li qal anke l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qablet maghha. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Kunsilliera kollha nkluz il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu vvutat favur li l-Kunsill jaghti kuntratt li kien ser jiswa aktar minn kemm kellu fondi l-Kunsill u kontra kull rakkomandazzjoni tas-Segretraju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/2487/10/I** 12/04/2010 Ittra minghand l-Iskola ta’ San Miguel fejn talbu sabiex issir laqgha mas-Sindku u mal-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni u ghall-persuni bi bzonnijiet specjali.

8.90. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2487/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghandha tara li tiltaqa’ ma’ din l-iskola u tinforma lis-Segretarju Ezekuttiv bid-data proposta.

**46/2488/10/I** 12/04/2010 Ittra minghand Transport Malta fejn baghtu l-proposta taghhom ghall-immanigjar ta' traffiku fejn l-iskola Primarja Gdida u talbu li kif jigu mplimentati l-Kunsill jinforma lis-sezzjoni.

8.91. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2488/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna t-tabelli necessarja.

8.92. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.93. Il-mozzjoni ghaddiet ghal vot fejn wara li l-Kunsillier Joe Brincat, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ivvota kontra qamet polemika dwar il-kuncett ghala l-Kunsill kien ser jaccetta li t-triq tinghalaq ghat-traffiku.

***8.94. Fit-8.30pm Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab i jigi skuzat u halla l-kamra.***

8.95. Wara diskussjoni twila, kien hemm qbil unanimu li l-vot li kien qed jittiehed ghandu jitwaqqaf u ghalkemm m’ghandux jitqies.

***8.96. Fit-8.35 pm rega dahal ghall-laqgha.***

8.97. Wara dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma’ Transport Malta sabiex jerghu jikkonsidraw it-talba tal-Kunsill originali u jekk le ikunu huma li jispjegaw lir-residenti n-necessita’ li jinghalaq l-access ghat-triq u jekk kemm il-darba jibqa’ jkun hemm insistenza minn Transport Malta, l-Kunsill jiddeciedi wara li tkun saret il-laqgha fil-prezenza tar-residenti.

8.98. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.100. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha li kienet saret ma’ rapprezentant ta’ Transport Malta s-sur Charles Muscat, il-Kunsill kien qabel mal-proposta ta’ Transport Malta.

8.101. Il-Kunsillier Lauro Fava staqsa jekk il-Kunsill jistax jinzamm responsabbli kemm il-darba jinqala’ x’incident sakemm jinhareg il-permess finali.

8.102. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li jittiehed parir legali.

8.103. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiehu l-parir ta’ l-Avukat.

8.104. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.105. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2492/10/I** E-mail minghand is-Sur Tonio Magro fejn staqsa lill-Kunsill jekk johorgux

12/04/2010 regolarment magazine tal-Kunsill sabiex jaghmlu avviz fuqu.

8.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2492/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-sur Magro.

8.107. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.108. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2497/10/I** 12/04/2010 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn baghtet ritratti ta' zewg palmiet l'ilhom mejta fic-centre strip ta' Triq Patri Indri Vella u talbet sabiex tittiehed azzjoni.

8.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2497/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li saret l-ittra lid-dipartiment bhal ma sar qabel biex jitnehhew dawn il-palmiet.

8.110. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien kiteb ittra lill-Ministeru koncernat fejn intalbet l-ghajnuna tieghu.

8.111. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk il-Kunsill ma jkollux risposta sal-laqgha li jmiss tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jipprocedi biex jingabru kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz.

8.112. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat

8.113. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Lauro Fava, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

8.114. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.115. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar li l-problema ser terga' tkun mill-liema fondi ser isir dan ix-xoghol.

8.116. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli sostna li dawn il-palm kellhom jinqatghu mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u kien ghalhekk li l-Kunsill kien approva li jigi tterminat il-kuntratt tas-sur Carmel Mazzitelli, ghalkemm qal li l-Kunsill xorta wahda spicca hallas lill-Ministeru sabiex inqalghu l-palm.

8.117. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tigi sospiza l-agenda sabiex tkun tista' tigi diskussa item 12.

8.118. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.119. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Rizoluzzjoni specjali 02/2010 – Hinijiet tal-librerija.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona d-diskussjoni tar-rizoluzzjoni specjali 02/2010 f'liema rizoluzzjoni qed jigi propost li tigi revokata d-decizjoni li jkun hemm tibdil fil-hinijiet tal-librerija nhar ta' Sibt. **(Ara dokument K)**

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk tkun approvata r-rizoluzzjoni specjali din ma tkunx tista' tinbidel b'rizoluzzjoni specjali ohra qabel 6 xhur.

12.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li r-raguni primarja kienet li l-hinijiet prezenti u kif propost m'humiex prattici. Il-kelliema qalet li l-esigenzi ghandhom ikunu t-talbiet tal-Kunsill u mhux tal-librar.

12.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rizoluzzjoni kif ipprezentata.

12.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.07. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

12.08. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.09. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li nhar it-Tnejn il-librerija tinzamm maghluqa minhabba mpenji privati li ghandu l-librar.

12.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.11. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw kontra.

12.12. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.13. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.15 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 12 ta' Mejju 2010 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***